MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 7

30 ta' Diċembru 2024

Minuti tas-seduta Nru. 7 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 30 ta' Diċembru 2024 fit-3.00pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsilliera J. Buttigieg u R. Bartolo Cutajar li kienu skużati minħabba li kienu msefrin.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin rreġistrat il-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet. Ir-*recording* tagħha jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## Minuti -

1.1. Il-Kunsillier Emvin Bartolo aċċenna għall-minuta 5.7.4. **(Ref: T/12/Vol IV)** tas-sedutua preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"5.7.4. Il-Kunsill qabel mal-projbizzjoni ta' xogħlijiet fiż-żoni ndikati fil-minuta preċedenti, li effettivament jkopru t-toroq segwenti:*

- *Triq Franġisk Zahra".*

1.2. Il-Kunsillier Emvin Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 5.8.2. **(Ref: T/4/7.Vol III)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"5.8.2. Il-bini ta' taraġ fi Triq ir-Rihan li taħtu trid issir substation tal-Enemalta biex tissaħħaħ il-provista tal-elettriku f'akkwati;"*

1.3. Il-Kunsillier Emvin Bartolo aċċenna wkoll għall-minuta 5.13.2 **(A/5/5/Vol VII)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*"Il-Kunsilliera Loridana Darmanin għarrfet li l-ħarġa li saret fl-20 ta' Novembru 2024, lejn il-Kunvent tal-Patrijiet Kapuċċini u l-Kurja tal-Arċisqof fil-Furjana."*

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Użu ta' binja fil-Park tal-Majjistral f'Għajn Tuffieħa (A/4/10)

2.1.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-minuta 2.1.1. fil-minuti tas-seduta preċedenti dwar talba li saret mill-Ministeru għall-Ekonomija, l-Intrapriża, u Proġetti Strateġiċi biex jieħdu l-binja (Tenement Nru. E26228), devoluta lill-Bord tal-Park tal-Majjistral u allokata lill-Kunsill, sabiex jiġi nstallat tagħmir tat-telekomunikazzjoni. Huwa qal li s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kiteb lill-Bord tal-Park tal-Majjistral kif kien ġie deċiż fis-seduta preċedenti fejn informa lill-istess bord li l-Kunsill qiegħed joġġezzjona għal din it-talba. Sfortunatament sal-lum il-Kunsill kien għadu ma rċieva l-ebda risposta min-naħa tal-Bord.

### 2.2.1. Proġett ta' Floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata (P/4/31)

2.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa għamel kuntatt mal-Contracts Manager l-Ing. Mario Galea sabiex jerġa' jiskatta l-proġett ta' floodlighting madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata billi jinħadmu l-ispeċifikazzjonijiet.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Devoluzzjoni ta' Art fil-Mellieħa u fil-Manikata (A/6/7/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li jixtieq li ssir talba uffiċjali lid-dipartimenti konċernati sabiex biċċa art li bħalissa tinsab abbandunata u li tinsab quddiem il-Knisja l-Qadima tal-Manikata, tiġi devoluta lill-Kunsill bil-għan li l-Kunsill ikun jista' jagħmel xogħol ta' tisbiħ fiha. L-għan huwa li din l-art tkun tista' tibda titgawda mir-residenti tal-Manikata.

2.3.3. Fl-istess waqt, is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob ukoll għad-devoluzzjoni ta' art li tinsab fi Triq il-Plejju bil-għan li din l-art ma tingħatax għall-iżvilupp, iżda tkun tista' tibqa' titgawda mir-residenti tal-Mellieħa.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa.

### 2.4.1. Sessjoni "Aqra Miegħi" fl-Irziezet ta' Selmun (E/3/1/14)

2.4.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin irreferiet għall-minuta 2.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li t-tieni sessjoni ta' Aqra Miegħi saret fil-21 ta' Diċembru 2024 fl-Irżieżet ta' Selmun. Attendew għalija diversi tfal akkumpanjati mill-ġenituri.

2.4.3. Il-Kunsill innuta t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

3.1.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg staqsa jekk hux possibbli li t-toroq li jidhru hawn taħt, il-wiċċ tagħhom jimbaraxx peress li saru jiżolqu ħafna:

- Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq Frangisk Zahra;
- Triq Santa Marija kantuniera ma' Triq Frangisk Zahra;
- Triq Gorg Borg Olivier fl-akkwati ta' Triq Sant'Anna;
- L-ewwel liwja fi Triq Selmun direzzjoni Mistra;
- Ir-roundabout fi Triq il-Mitħna l-Ġdida viċin Triq Ġnien Ingraw.

3.1.3. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li hemm bżonn li jsir dan it-tip ta' intervent u ser isiru l-arranġamenti meħtieġa biex dan ix-xogħol ikun jista' jsir mill-aktar fis.+

**3.2.1. Identifikazzjoni ta' siti li jistgħu jinbidlu f'belveders (A/5/3/Vol XVI)**

3.2.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk jistgħux jiġu identifikati siti/belveders bħal belveder li jinsab fi Triq l-Etna, li wara li jsir xogħol ta' tisbiħ fihom, il-Kunsill ikun jista' jorganizza attivitajiet edukattivi u soċjali immirati sabiex jindirizzaw is-saħħa mentali. Huwa qal li dawn jistgħu jkunu s-siti ideali fejn ikunu jistgħu jiġu organizzati attivitajiet ta' din ix-xorta.

3.2.3. Is-Sindku G. Micallef qal li jaqbel mal-proposta u jista' jsir aktar ħsieb biex jiġi identifikat sit, iżda fil-preżent jistgħu jintużaw postijiet li jekk għandhom bżonn interventi żgħar biex ikunu adegwati għal dawn it-tip ta'attivitajiet, il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu minnhom.

3.2.4. Il-Kunsillier K.Buttigieg issuġġerixxa l-Belveder ta' Selmun filwaqt li l-Kunsillier E.Bartolo ssuġġerixxa Ġnien l-Għoljiet.

3.2.5. Is-Sindku G. Micallef qal li kemm-il darba mqarr waħda mill-applikazzjonijiet tal-Kunsill tal-iskema Vjal Kulħadd tiġi aċċettata, dawn ukoll ikunu siti adegwati f'dan ir-rigward.

3.2.6. Il-Kunsill qabel li għas-seduta li jmiss jiġu identifikati n-nuqqasijiet tal-belveder fi Triq l-Etna, bil-possibilità li dawn ikunu jistgħu jiġu ndirizzati.

## 3.3.1 Binja li tintuża għall-Apparat tal-Watersports (S/4/1/Vol II)

3.3.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri staqsa jekk fil-Mellieħa tistax tiġi identifikata binja li tkun tista' tintuża minn klabbs li jipprattikaw sport tal-baħar fil-bajjiet li jinsabu fil-lokalità tal-Mellieħa.

3.3.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-binja m'għandhiex għalfejn tkun qrib xi bajja partikolari. Dawn il-klabbs dejjem jistgħu jingħaqdu ma' klabbs oħra li jista' jkun diġa' għandhom il-binja tagħhom.

3.3.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li kienet tkun ideali kieku l-binja saret taħt il-lukanda Mellieħa Bay u kienet tifforma parti mill-multi storey car park fil-Bajja tal-Għadira, qabel ma sar il-parkeġġ eżitenti.

## 3.4.1. Il-Book Box fil-Park tal-Familja (L/4/Vol IV)

3.4.2. Il-Kunsilliera L. Darmanina infurmat lill-membri preżenti li l-persuna li tieħu ħsieb il-book box fil-Park tal-Familja infurmata li nsterqu xkaffa sħiħa kotba u anke tqattgħu wħud mill-kotba fil-book box. Il-Kunsilliera L. Darmanin staqsiet jekk hux possibbli li l-Kunsill jinstalla camera jew ġol-book box jew fuqha bil-għan li dawn l-abbużi possibiliment jispiċċaw. Hija staqsiet ukoll jekk jistax jiġi identifikat post fejn Ms Clare Jackson tkun tista' tpoġġi 'l ħafna kotba li hija bħalissa qed iżżomm id-dar.

3.4.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-armoured cable se jinxtara minn Malta u appena dan jiġi delivered ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ biex is-cctv cameras li hemm fil-Park tal-Familja jibdew jaħdmu mill-ġdid.

3.4.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-kotba jistgħu jitpoġġew ġo wieħed mill-istores li hemm fejn id-dressing rooms fil-Park tal-Familja. Is-Sindku G. Micallef qal jew jitpoġġew fl-uffiċċju tal-Kunsill.

3.4.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg issuġġerixxa wkoll li l-Kunsill jidentifika żewġ ġonna pubbliċi oħra fejn jistgħu jsiru book boxes anke f'forom differenti. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li se tgħaddi ritratt ta' book box li rat fi ġnien f'Għawdex lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, biex possibilment tittieħed idea ta' book box oħra.

3.4.6. Kien hemm qbil li jsir kuntatt ma' Ms Clare Jackson sabiex jiġu esplorati dawn is-suġġerimenti.

## 3.5.1. Faċilitajiet għall-Persuni b'Diżabilità fi Triq Gorg Borg Olivier (P/8/2 Vol VI)

3.5.2. Il-Kunsilliera C. Castillo staqsiet jekk hux possibbli li fi Triq Gorg Borg Olivier tiġi ntrodotta disabled parking oħra. Dan peress li dik eżistenti, ħafna drabi ma tkunx aċċessibbli peress li jkun hemm vetturi ipparkjati.

3.5.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li sfortunatament peress li Triq Gorg Borg Olivier hija triq għan-niżla, talbiet simili ma jiġux milqugħa.

3.5.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kunsill investa ħafna flus sabiex installa numru ta’ cameras fi Triq Gorg Borg Olivier bil-għan li jiġu osservati l-arranġamenti tat-traffiku eżistenti. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill għandu jagħmel pressjoni fuq il-LESA sabiex isir kemm jista’ jkun monitoraġġ tal-cameras sabiex l-arranġamenti tat-traffiku jiġu rispettati.

## 4.0. Tqegħid ta’ karti

- Skeda dwar Akkwist ta’ Servizzi u Materjal – 22/11/24;
- Skeda ta’ Pagamenti – 26/10/24 – 21/11/24;
- Skeda ta’ Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 10/10/24 – 06/11/24;
- Minuti tal-laqgħa għar-Residenti tal-Manikata – 21/11/24;
- Agenda tal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana – 11/12/2024
- Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana – 27/11/2024
- Mellieħa/Manikata Residents Feedback Google Form
- Skeda ta’ Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta’ Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Danni kkważati fuq vettura numru MAU 606 fi Triq il-Knisja l-Qadima (D/5/Vol II)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 3 ta’ Diċembru 2024 dwar talba mis-sid tal-vettura MAU 606 li allegatament kienet qed tinstaq fi Triq il-Knisja l-Qadima, il-Manikata fl-1 ta’ Diċembru 2024 għall-ħabta tal-10.00am, fejn ġie rrappurtat li nqasam *tyre* li swielu €110 biex inbidel, minħabba toqba fit-triq. It-talba kienet akkumpanjata b’rapport li sar mal-Pulizija.

5.1.3. Il-Kunsill qabel li jħallas għad-danni sofferti.

### 5.2.1. PA 7710/24 – Żvilupp ta’ sit konfinanti minn Triq iż-Żnuber, Triq Salvu Camilleri u Triq Tas-Salib (P/5/8/Z)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill issottometta l-oġġezzjoni tiegħu a bażi ta’ pariri li ngħata mill-Perit Carmel Cacopardo u wieħed issa jistenna li jkun hemm il-Public Hearing.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. PA 1877/23 – Żvilupp fi Triq id-Denċi (P/5/8/D)

5.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fit-23 ta’ Diċembru 2024 saret laqgħa ma’ wħud mir-residenti ta’ Triq id-Denċi wara talba li saret minnhom stess. Għal din il-laqgħa kienu preżenti l-perit maħtur mir-residenti, il-perit inkarigat mill-iżvilupp u min-naħa tal-Kunsill attendew il-Kunsillier E. Bartolo, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin flimkien miegħu.

5.3.3. Din il-laqgħa ssejħet wara li madwar is-sit fejn ser isir l-iżvilupp li qiegħed konfinanti ma’ Triq id-Denċi, Triq it-Tumbrell u Triq it-Tunnaġġ, ittella’ boundary wall minħabba raġunijiet ta’ sigurta’ sakemm isir xogħol ta’ skavar u xogħol ta’ kostruzzjoni. Li ġara iżda huwa malli ttella’ dan il-boundary wall fi Triq id-Denċi, ingħalaq għal kollox l-aċċess għall-vetturi li kienu jgħaddu minn Triq it-Tumbrell biex jaslu fi Triq id-Denċi.

5.3.4. Il-Perit Joe Grech - il-perit inkarigat mill-iżvilupp qal, li huwa mexa mal-kundizzjonijiet mogħtija minn Transport Malta u saħaq li fit-tfassil tat-Traffic Management Plan ried jiġi assigurat li r-residenti jibqalhom aċċess u fil-fatt ir-residenti aċċess għandhom minn Triq il-Padrun.

5.3.5. It-tħassib tar-residenti huwa fejn jidħol il-ġbir tal-iskart peress li l-iscammel jekk jgħaddi minn Triq il-Padrun għal Triq id-Denċi, ma jgħaddix peress li t-triq hija dejqa fil-bidu tagħha. L-istess jgħodd għat-

trakk li fuq bażi regolari jmur ibattal il-fossa kif ukoll il-fatt li issa fadal aċċess wieħed biss li mhuwiex l-aħjar wieħed, jekk ikun hemm każ ta' emerġenza.

5.3.6. Is-Sindku G. Micallef qal li bħala Kunsill wiegħed lir-residenti li ser isiru arranġamenti mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart biex il-kollettur jibda jidħol għall-iskart bil-mixi kif ukoll mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex it-trakk li jieħu ħsieb it-tbattil tal-fossa jinbidel għal wieħed iżgħar. Huwa nforma lir-residenti wkoll li bħala Kunsill kien se jindaga sabiex possibiliment jiġi identifikat min hu s-sid tal-art faċċata fejn sar il-boundary wall fi Triq id-Denċi, bil-għan li tkun tista' titnaddaf mit-terrapien u l-ħamrija li bħalissa qed jimblukkaw it-triq u jerġa jinfetaħ l-aċċess għal Triq it-Tumbrell.

5.3.7. Is-Sindku kompla billi qal li r-residenti ġew infurmati li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa fl-ebda ħin ma kien involut fit-tfassil tat-Traffic Management Scheme, għaliex il-kuntatti kienu qed isiru mal-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar bi żball.

5.3.8. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.4.1. Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

5.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-Surġent Ivan Mifsud ser ikun qed imexxi t-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa u dan ċertament li ser ikun ta' benefiċċju għal-lokalità tal-Mellieħa peress li s-Surġent Ivan Mifsud huwa midħla sewwa mal-Mellieħa u mal-Manikata.

5.4.3. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fis-7 ta' Jannar 2025 fil-5.30pm ser issir laqgħa mas-Surġent Ivan Mifsud bħala introduzzjoni u wara jissuktaw il-laqgħat ta' kull xahar.

5.4.4. Il-Kunsill J. Cauchi ssuġġerixxa li fl-ewwel laqgħa ta' kull xahar ikunu mistiedna wkoll rappreżentanti tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, peress li kienet ix-xewqa tagħhom li jibdew jattendu għal dawn it-tip ta' laqgħat.

## 5.5.1. Approvazzjoni ta' Erba' Controlled Vehicle Cameras fil-Manikata (C/9)

5.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li Transport Malta approvat it-talba tal-Kunsill sabiex jitwaħlu Controlled Vehicle Cameras fi Triq il-Biedja kantuniera ma' Triq ir-Raħħala, fi Triq il-Knisja l-Qadima kantuniera ma' Triq il-Biedja, fi Trejqet il-Ħarrub kantuniera ma' Triq il-Mejjiesa u fi Triq il-Mellieħa kantuniera ma' Triq Lewis Wettinger/Dawret il-Mellieħa. Għal dan il-għan, sar kuntatt mal-Contracts Manager l-Ing. Mario Galea sabiex jipprepara l-ispeċifikazzjonijiet biex tkun tista' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-provista u għall-installazzjoni.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1. Ħsara fi proprjetà minn vetturi fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo marru fuq il-post u tkellmu mas-sid tal-proprjetà in kwistjoni.

5.6.3. Kien hemm qbil bejn il-partijiet preżenti li għandhom jitwaħlu mill-aktar fis it-tabelli li jipprojbixxu vetturi għola minn 2.7 metri.

## 5.7.1. Bini mill-Ġdid tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/Vol II)

5.7.2. Saret referenza għal imejl datat 6 ta' Diċembru 2024 mibgħut minn Dr Neville Young, CEO tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li kien sar progress sinifikattiv fir-rigward tal-proġett tal-bini mill-ġdid tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Fil-fatt, il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada kienet f'posizzjoni li taqsam mal-Kunsill l-Architectual Conceptual Drawings tal-iskola l-ġdida, kif ukoll talbet li l-Kunsill jgħaddi l-ħsibijiet tiegħu qabel mal-Fondazzjoni tapplika għall-permessi neċessarji mal-Awtorità tal-Ippjanar. L-FTS ippreżentat ukoll site-plan ta' kif potenzjalment jistgħu jitpoġġew it-tlettax 'il container fil-Park tal-Familja li ser jospitaw lit-tfal sakemm tinbena l-iskola. Hawnhekk saret rimarka li l-FTS madanakollu qed tara li containers ser ikun hemm bżonn li jitpoġġew disa' biss.

5.7.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li malli rċieva l-imejl imsemmi hawn fuq, huwa immedjatament wieġeb li Dr Neville Young sabiex juri l-preokkupazzjoni tal-Kunsill u tar-residenti fir-rigward tal-okkupazzjoni tal-Park tal-Familja għat-tpoġġija ta' numru konsiderevoli ta' containers. Huwa enfasizza l-fatt li l-Park tal-Familja jintuża b'mod regolari sabiex jiġu pprattikati diversi dixxiplini sportivi u huwa mfittex ħafna anke mir-residenti li ta' kuljum jagħmlu użu minnu għar-rikrejazzjoni tagħhom. Is-segregazzjoni ta' parti sostanzjali mill-Park tal-Familja ċertament li ser ittellef biex il-Park tal-Familja jibqa' jservi bħala wieħed mill-aktar postijiet imfittxija għar-rikrejazzjoni fil-Mellieħa. Huwa qal li talab lill-FTS tikkunsidra siti alternattivi oħra bħall-parkeġġ viċin il-Kappella ta' Selmun u/jew fejn il-lukanda Selmun Palace.

5.7.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li hemm tul ta' snin sakemm dan il-proġett jitlesta. F'dan ir-rigward il-Kunsilliera C. Castillo qalet li l-FTS ma kinitx ċara kemm se jdum għaddej il-proġett.

5.7.5. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Park tal-Familja ma jistax jittieħed kompletament. Hija qalet ukoll li għall-benefiċċju tat-tfal li jattendu l-iskola primarja tal-Mellieħa, il-proġett għandu jibda fil-bidu ta' sena skolastika.

5.7.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li oriġinarjament il-Kunsill kien aċċetta l-proposta tal-FTS. Huwa qal ukoll li fl-istess waqt ser ikunu t-tfal Melleħin li se jagħmlu użu mill-faċilitajiet tal-Park tal-Familja. F'dan ir-rigward il-Kunsilliera C. Castillo qalet li oriġinarjament il-Kunsill kien aċċetta l-proposta, izda l-Kunsill jista' jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu speċjalment jekk l-FTS tista' tikkunsidra alternatttivi oħra.

5.7.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Xogħlijiet meħtieġa fi Triq il-Peprin (T/4/7/Vol III)

5.8.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fil-11 ta' Diċembru 2024, Infrastructure Malta sejħet lill-partijiet kollha konċernati għal follow-up meeting dwar il-formazzjoni tat-toroq u l-bini tas-substation. Is-Sur Bartolo qal ukoll li wara din il-laqgħa segwew numru ta' imejls minn Fulani Properties – Famalco sabiex jinfurmaw lill-Kunsill kif beħsiebom jimplimentaw l-ewwel parti tax-xogħlijiet li tirrigwardja l-parti tas-sit li tappartjeni lilhom jiġifieri l-parti li tmiss ma' Triq Ta' Masrija, Triq ir-Rihan u Triq il-Rattan. Il-pjanijiet huma dawn:

- Li x-xogħlijiet jibdew fl-ewwel kwart tas-sena 2025;
- Li jsir boundary wall mad-dawra tas-sit kollu u jidħlu fis-seħħ miżuri tas-sigurtà temporanji bħal zebra crossings u road markings oħra fi Triq Ta' Masrija;
- Li tinbena sub-station temporanja fi Triq Ta' Masrija sabiex tkun tista' tiġi eliminata għal kollox dik li hemm fis-sit bħalissa li imbagħad trid terġa' timxi għal taħt it-taraġ fi Triq ir-Rihan; u
- Li dan ix-xogħol mistenni jieħu 36 xahar;

5.8.3. Is-Sindku G. Micallef qal li min-naħa tiegħu talab li jiġu ċċarati ċertu punti importanti fosthom:

- Li l-aċċess għal Triq ir-Rihan minn Triq il-Peprin jibqa' miftuħ;
- Li min-naħa ta' Fulani Properties – Famalco se jieħdu ħsieb li jagħmlu xogħol ta' rinfurzar fis-sit tagħhom sabiex Infrastructure Malta jkunu jistgħu jiffurmaw it-toroq;
- Triq Ta' Masrija se tibqa' miftuħa għat-traffiku;
- Triq ir-Rattan ser tintuża biex il-makkinarju jkun jista' jgħaddi minnha u jidħol fis-sit mill-entratura li ħa tkun fi Triq ir-Rattan kantuniera ma' Triq l-Iżbark tal-Franċizi u biex isir il-ħatt u t-tagħbija neċessarja;

- Jinfetaħ aċċess fi Triq ir-Rattan ma' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi sabiex din tal-aħħar tkun tista' tintuża biex minnha joħorġu t-trakkijiet u b'hekk jiġi evitat li l-makkinarju jgħaddi minn Triq Ta' Masrija; u

- Minħabba raġunijiet ta' sigurtà, qed jiġi eskluż li jinħoloq ħruġ dirett fi Triq Lewis Wettinger peress li dan jista' jkun ta' periklu kbir.

5.8.4. Is-Sindku qal li importanti li r-residenti tal-akkwati jiġu nfurmati qabel ma jibda x-xogħol.

5.8.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li jekk it-trakkijiet ser joħorġu minn Triq l-Iżbark tal-Franċiżi din ser tkun problema peress li t-triq hija dejqa.

5.8.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.9.1. Dfin fil-Mellieħa (C/7)

5.9.2. Saret referenza għall-korrispondenza datata 16 ta' Diċembru 2024 mibgħuta mill-Burials Administration Unit fi ħdan id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, dwar is-sistema tad-dfin fil-Mellieħa wara li tlesta x-xogħol fuq iċ-ċimiterju Omm il-Ħniena. Din l-ittra ntbagħtet bħala risposta għall-korrispondenza mibgħuta mill-Arċipriet tal-Mellieħa li talab li tingħata spjegazzjoni ċara fuq kif ser jibda jsir id-dfin fil-Mellieħa.

5.9.3. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li din l-ittra setgħet intbagħtet appena tlesta x-xogħol fuq iċ-ċimiterju l-ġdid, sabiex ir-residenti tal-Mellieħa kienu jkunu infurmati li kemm-il darba ma jkunx għad fadal oqbra komuni li jistgħu jintużaw fiċ-ċimiterju Sultana tal-Vittorji, ikollhom jintużaw l-oqbra komuni taċ-ċimiterju Omm il-Ħniena.

5.9.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li jekk familja ma jkolliex il-qabar privat tagħha, ma tkunx tista' tagħżel f'liema ċimiterju tindifen iżda tindifen fejn ikun hemm spazju. Hija qalet li dan kollu jsir anke biex tiġi salvagwardjata s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema li jieħdu ħsieb id-dfin u l-oqbra.

5.9.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.10.1. Problema ta' aċċess għal numru ta' garaxxijiet fi Triq Nofsinhar (T/3/2/Vol XVIII)

5.10.2. Saret referenza għall-ittra data 26 ta' Novembru 2025 mibgħuta minn tliet residenti li joqogħdu fi blokka ta' appartamenti fi Triq in-Nofsinhar u li bejniethom għandhom sitt garaxxijiet taħt l-istess blokka. Dawn is-sidien qed jilmentaw li għandhom diffikulta' kbira biex jidħlu u joħorġu mill-garaxxijiet tagħhom, minħabba li t-triq mhix wiesgħa u l-parking li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq.

5.10.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo ltaqgħu ma' waħda mis-sidien li spjegatilhom sewwa x'inhi d-diffikulta' li qed jaffaċċjaw bħala sidien tal-garaxxijiet, u li waħda mis-soluzzjonijiet tista' tkun li jiġi eliminat l-ewwel parkeġġ biex dawn is-sidien ikunu jistgħu jimmanuvraw il-vetturi tagħhom aħjar.

5.10.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li b'żieda ma' dak li qal is-Sindku, kif kienu f'din it-triq setgħu jinnutaw li Triq in-Nofsinhar (bejn Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija) li hija two-way m'għandhiex tibqa' two-way minħabba li hija triq dejqa u ma tippermettix it-traġitt ta' vetturi 'l fuq u 'l isfel. Għaldaqstant huma kienu tal-opinjoni li Triq in-Nofsinhar ssir one way u t-traffiku jkun jista' jgħaddi minnha 'l isfel biss u Triq il-Mitħna l-Qadima (bejn Triq San Ġużepp u Triq Santa Marija) ssir one way fejn it-traffiku jkun jista' jitla' biss minnha.

5.10.5. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u talab li ssir talba lil Transport Malta sabiex teżamina din il-possibilità.

**5.10.1. PA 0371/24 – Żvilupp ta' sit konfinanti minn Triq il-Miġbħa, Triq is-Sagħtar, u Wesgħat in-Narċis (P/5/8/M)**

5.10.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi l-avukat Dr Claire Bonello qegħda tfassal l-appell skont kif kien ġie deċiż fis-seduta preċedenti.

5.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

**5.11.1. Twaqqif tal-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

5.11.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet illi fid-9 ta' Diċembru 2024 hija flimkien mas-Sindku G. Micallef kienu mistiedna jattendu għall-attività organizzata mill-Fondazzjoni ta' Malta għall-Ġid tas-Soċjetà li matulha tfakkar l-ewwel anniversarju mit-tnedija tal-proġett RIGHTS. Il-Kunsilliera Loridana Darmanin qalet li għal din l-attività kienu mistiedna s-sitta u tletin Kunsilli Lokali tat-Tfal u t-tliet Kunsilli Reġjonali tat-Tfal li ssieħbu s'issa f'dan il-proġett u fosthom kien hemm il-membri tal-Kunsill Lokali tat-Tfal tal-Mellieħa.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal li għal din l-attività attendew il-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca u l-Prim Ministru Robert Abela u kienet serata sabiħa ħafna.

5.11.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tat-Tfal se ssir fil-15 ta' Jannar 2025 fl-4.30pm u għalija se jattendi t-tim tal-Pulizija tal-Komunità tal-Mellieħa. Għad irid jiġi deċiż il-post fejn se ssir il-laqgħa, peress li x-xogħol fis-sala tal-Kunsill għadu mhux lest.

5.11.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.12.1. Attività fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-tfal (A/5/3/Vol XIII)**

5.12.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-attività li kellha ssir fuq il-Belvedere tas-Sur fit-8 ta' Diċembru 2024 fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, sfortunatament ma saritx minħabba li kien il-maltemp. Hija qalet li din l-attività għandha tiġi posposta għal data oħra.

5.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.13.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

5.13.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-ħarġa kulturali li jmiss se ssir fil-15 ta' Jannar 2025 iżda għad irid jiġi deċiż il-post.

5.13.3. Is-Sindku G. Micallef li se tiġi ppreparata skeda bid-dettalji dwar il-ħarġiet kulturali ppjanat għal matul is-sena li ġejja.

5.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.14.1. Żjara mill-*unit* għall-Għoti tad-Demm (M/8/Vol VI)**

5.14.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li ż-żjara li jmiss mill-*Mobile Blood Donation Unit* fil-Mellieħa se ssir fis-16 ta' Frar 2025.

5.14.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.15.1. Talba għal Sigħat Imnaqqsa mis-Sinjura C. Psaila Costantino (P/7/1/Vol IX)**

5.15.2. Saret referenza għall-imejl datat 23 ta' Diċembru 2024 fejn Ms Claire Psaila Costantino, waħda mill-impjegati l-ġodda tal-Kunsill talbet li għall-ewwel sena tagħha fl-impjeg ta' Skrivana fi Skala 15 taħdem sigħat imnaqqsa. Fil-fatt hija talbet li sakemm it-tifla tagħha tibda tattendi l-iskola tal-Knisja, minflok erbgħin siegħa hija taħdem għoxrin siegħa fil-ġimgħa.

5.15.3. Is-Sindku G. Micallef qal li Ms Claire Psaila Costantino mat-tielet interview tagħha kienet diġa' uriet ix-xewqa li taħdem sigħat imnaqqsa peress li għad għandha tifla żgħira. Madanakollu, huwa kompla billi qal li peress li Ms Psaila Costantino ħa tkun qed tikkonċentra l-ħidma tagħha fuq l-accounts, ċertament li tkun tista' tkompli x-xogħol tagħha mid-dar.

5.15.4. Il-Kunsill qabel li Ms Psaila Costantino taħdem l-ewwel xahar bis-sigħat imnaqqsa u wara l-ewwel xahar tara tkunx tista' tikkontribwixxi aktar billi tagħmel is-sigħat l-oħra mid-dar.

**5.16.1. Installazzjoni ta' dwal tat-toroq ġodda f'diversi toroq (E/1/3/Vol IV)**

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef aġġorna lill-Kunsill fuq is-suġġett billi qal li l-*contract managers* Galea Curmi Engineering Consultants Ltd bdew il-preparamenti sabiex issir installazzjoni ta' ċirkwiti ġodda tad-dwal tal-toroq fi Triq Joseph Grech Attard.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Aġġornament dwar il-manutenzjoni tal-*multi-purpose court* parti mill-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)**

5.17.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-*Bill of Quantities* rivedut tlesta mill-Perit Matthew Casha għaldaqstant issuġġerixa li ssir laqgħa miegħu fejn il-Perit jagħti spjega ta' x'żied u x'naqqas mill-*Bill of Quantities* oriġinali. Is-Sindku qal li din il-laqgħa possibiliment tkun l-aħħar waħda qabel ma toħroġ is-sejħa għall-offerti biex isiru ix-xogħlijiet u t-tiswijiet meħtieġa. Huwa ppropona li l-laqgħa ssir fid-9 ta' Jannar 2025 fil-5.30pm.

5.17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.18.1. Kuntratt MLC 1/2024 - Progett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

5.18.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħol fuq dan il-proġett waslu fl-aħħar fażijiet tagħhom u fil-fatt jonqos biss il-cladding mal-ħajt li fuqu ser jeħel l-iscreen u l-għamara li għandha tasal għal nofs Jannar 2025.

5.18.3. Il-Viċi Sindku Matthew Borg Cuschieri staqsa jekk is-sala qattx inkriet għall-attivitajiet privati. Il-Kunsillier is-Sur Emvin Bartolo wieġeb li s-sala ma tistax tinkera bil-flus, iżda tista' tintuza għal skopijiet dukattivi.

5.18.4. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.18.3.

**5.19.1. Sejħa għall-offerti dwar servizz manutenzjoni ta` tabelli u sinjali tat-traffiku (K/6/4/Vol III)**

5.19.2. Saret referenza għall-item 7.9 tal-Agenda fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin li l-kuntratt dwar servizz manutenzjoni u tabelli u sinjali tat-traffiku għalaq u għaldaqstant jeħtieġ li toħroġ sejħa għall-offerti.

5.19.3. Il-Kunsill qabel li l-amministrazzjoni tal-Kunsill għandha tipproċedi u tipprepara s-sejħa għall-offerti.

**5.20.1 Sejħa għall-Offerti dwar il-kiri ta' vettura double cab pick up (V/3)**

5.20.2. Saret referenza għall-item 7.10 tal-Agenda fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin dwar il-ħtieġa li ssir sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' vettura double cab pick up għall-użu tal-ħaddiema tal-Kunsill.

5.20.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg kien tal-fehma li l-Kunsill jesplora l-possibilità li jixtri l-vettura biex tintuża għal dan il-għan peress li l-ispejjeż tal-kiri mhumiex ftit u fuq numru ta' snin l-ammont qed ikun konsiderevoli.

5.20.4. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u talab li tinkiseb aktar informazzjoni f'dan ir-rigward.

**5.21.1 Compliance Audit fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (F/1/2/Vol X)**

5.21.2 Saret referenza għall-imejl datat 10 ta' Diċembru 2024 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa kien wieħed mill-Kunsilli Lokali li fil-bidu tas-sena 2025 kien ser isirlu Compliance Audit fuq is-sena 2024.

5.21.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa qara r-rapporti ta' Compliance Audits li saru fis-snin preċedenti f'Kunsilli Lokali u nnota x'kienu n-nuqqasijiet u kif dawn ikollhom jiġu ndirizzati. Huwa qal li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jimxi diġà mal-proċeduri u hekk għandu jibqa' jsir. Madanakollu talab li għandu jkun hemm komunikazzjoni dwar dan mas-Segretarju Eżekuttiv sabiex huwa jkun disponibbli waqt li jkun għaddej il-Compliance Audit.

5.21.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.22.1. Tnaqqis fl-Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025 (F/1/36)**

5.22.2. Saret referenza għaċ-ċirkulari numru 6/2024 datata 11 ta' Diċembru 2024 mibgħuta mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mgħarrfin li ser ikun hemm tnaqqsi fl-Allokazzjoni Finanzjarja għas-Sena 2025 peress li l-ammont li kull Kunsill Lokali kien jirċievi għal spejjeż ta' tipping fees, dawn l-ammonti ser jibdew jgħaddu direttament lill-Kunsilli Reġjonali peress li ser ikunu l-Kunsilli Reġjonali li jħallsu għal dawn l-ispejjeż.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.23.1 Ħatra tal-Membri tal-Bord ta' Evalwazzjoni – Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)**

5.23.2 Saret referenza għall-imejl datat 4 ta' Diċembru 2024 minn Project Green dwar talba sabiex il-Kunsill jaħtar żewġ membri u segretarju sabiex iservu fuq il-Bord ta' Evalwazzjoni tal-proġett li ser jara l-iżvilupp ta' ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel.

5.23.3. Minħabba l-fatt li Project Green kienu tal-fehma li l-membri li ħa jirrappreżentaw il-Kunsill ikunu limitati għal tlieta, kien hemm qbil li ż-żewġ membri jkunu s-Sindku G. Micallef u l-Kunsillier J. Buttigieg u s-Segretarju tkun id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

5.23.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**5.24.1. Kunċert Annwali tal-Milied mis-Societa' Filarmonica La Vittoria (S/6/Vol VII)**

5.24.2 Saret referenza għal talba mis-Società Filarmonica li talbu appoġġ finanzjarju mill-Kunsill għall-kunċert annwali li s-Soċjetà ttella fi żmien il-Milied. F'dan il-kunċert ħadu sehem it-tenur Georg Zammit u s-soprano Olga Agafonova. Dawn iż-żewġ interventi involvew spiża ta' €300.

5.4.3. Il-Kunsill qabel li l-involviment finanzjarju tiegħu dirett għandu jkun dak rikjest. Din id-deċiżjoni ttieħdet fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.25.1. Jum iċ-Ċelebrazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa S/6/Vol VII)**

5.25.2. Saret referenza għal talba mill-Kap tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa li talab appoġġ finanzjarju mill-Kunsill biex jinxtraw book vouchers għal Jum iċ-Ċelebrazzjoni 2025. Dawn il-book vouchers jinvolvu spiża ta' €600.

5.25.3. Il-Kunsill qabel li l-involviment finanzjarju tiegħu dirett għandu jkun dak rikjest. Din id-deċiżjoni ttieħdet fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.26.1. Kuntratt dwar Manutenzjoni ta' Bankini u Servizzi Anċillari Oħra**

5.26.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li qed tinħass il-ħtieġa li l-Kunsill ikollu kuntratt bħalma ġieli kellu fis-snin passati li permezz tiegħu jkun jista' jiskatta process fejn jibdew jiġu rranġati bankini żona żona. Huwa kompla billi qal li d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għandhom diġà lista twila ta' xogħlijiet assenjati u kemm-il darba l-Kunsill ikollu kuntratt apparti jkun jista' jindirizza xogħlijiet oħra li ilhom pendent.

5.26.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li hemm bżonn kbir li l-Kunsill ikollu din l-għodda addizzjonali sabiex jaħdem.

5.26.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li l-bankini speċjalment ta' Triq Gorg Borg Olivier għandhom bżonn intervent mill-aktar fis anke għal fatt li mhumiex aċċessibbli.

5.26.5. Il-Kunsill qabel mal-proposta u nnota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija quddiem McSims Pastizzeria fi Triq il-Kbira (T/3/2/Vol XVI)**

5.27.2. Saret referenza għal talba mis-sid ta' McSims Pastizzeria li għadu kif fetaħ fi Triq il-Kbira fejn qed jitlob li ssir un/loading bay quddiem il-ħanut tiegħu.

5.27.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jimxi mal-prinċipju li jimxi miegħu meta jkollu dawn it-talbiet jiġifieri li faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija quddiem stabbilimenti kummerċjali, isiru biss meta fl-akkwata jkun hemm ħames jew aktar stabbilimenti kummerċjali li jistgħu jagħmlu użu minnha.

**5.28.1. Konsultazzjoni Pubblika organizzata mill-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi (M/4/2/Vol II)**

5.28.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li huwa flimkien mas-Sindku attendew għall-konsultazzjoni pubblika ndirizzata mill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi Dr Chris Bonett li saret fil-11 ta' Diċembru 2024. It-tema ta' din il-konsultazzjoni pubblika kienet miżuri ta' mitigrazzjoni fir-rigward tat-traffiku f'Malta. F'din l-istess laqgħa, il-Kunsill talab sabiex issir laqgħa ma' Dr Bonett, iżda l-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda risposta.

5.28.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Żjara minn delegazzjoni minn Agia Napa fil-Mellieħa (K/1/5/4)**

5.29.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf illi s-Sindku t'Agia Napa flimkien maż-żewġ viċi-sindki li żaru l-Mellieħa fl-aħħar ta' Novembru 2024, sabiex ġie mfakkar il-ħmistax -il sena anniversarju mill-iffirmar ta' ġemellaġġ bejn il-Mellieħa u Agia Napa apprezzaw ħafna l-ospitalità li ntlaqgħu biha. Huma kienu kuntenti ħafna bil-programm li l-Kunsill ħajja għalihom, iżda sfortunatament minħabba mpennji f'Agia Napa kellhom jitilqu ġurnata qabel. Il-Kunsillier E. Bartolo talab li sa seduta oħra jiġi ppreżentat rendikont tal-ispejjeż li kien hemm involuti.

5.29.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.30.1. Inizjattiva b'risq l-Integrazzjoni Soċjali (I/3)**

5.31.2. Il-Kunsillier J. Cauchi ippreżenta kopja stampata ta' google form li jixtieq li l-Kunsill jippubblika fuq il-midja soċjali mmirata biex tinġabar informazzjoni primarjament minn dawk il-barrani li jgħixu fil-Mellieħa u fil-Manikata. L-istess google form tista' sservi biex il-Kunsill ikollu informazzjoni dwar x'jixtiequ r-residenti għal-lokalità tagħhom kif ukoll ilmenti li jista' jkollhom.

5.31.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u li din għandha tkun online wara li jgħaddu l-festi tal-Milied.

**5.31.1. Inizjattivi tal-Kunsill Malti għall-Arti (N/1 Vol IV)**

5.31.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li l-Kunsill Malti għall-Arti għandhom inizjattiva fejn Kunsill Lokali fost oħrajn jista' jinnomina artisti mil-lokal tiegħu sabiex potenzjalment jingħataw premju. Huwa qal li artisti lokali bħal Damian Buhagiar li huwa artist apprezzat anke barra minn xtutna, jista' jkun kandidat tajjeb ħafna.

5.31.3. Is-Sindku G. Micallef qal li tajjeb li nirrikonoxxu wkoll it-talenti ta' artisti lokali oħrajn sabiex possibiliment ma jitħalla ħadd barra.

5.31.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku G. Micallef, li tgħid:**

"Billi r-regolamenti 19, 20, 21, u 22 tar-Regolamenti dwar Gvern Lokali (Finanzi) jobbligaw lis-Segretarju Eżekuttiv iħaddem kontijiet bankarji miżmuma f'isem il-Kunsill Lokali;

Billi s-Segretarju Eżekuttiv fil-kariga, is-Sur Carmel Debono ser ikun qed bil-*leave* tal-irtirar tiegħu bejn it-13 ta' Jannar u t-12 ta' April 2025;

Il-Kunsill jirriżolvi li jawtorizza lis-Sinjura Marica Gambin biex taqdi l-funzjonijiet indikati billi ser tkun qed tassumi l-kariga ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv b'effett mit-13 ta' Jannar 2025.".
(B/1/Vol II)

6.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier K. Buttigieg.

**7.1. Mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera E. Bartolo, li tgħid:**

"Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 1999, twaqqfu l-onorefiċenzi ta' "Ġieħ il-Mellieħa" u "Rikonoxximent il-Mellieħa" sabiex jingħataw lil dawk il-persuni jew organizzazzjonijiet li jkunu iddistingwew ruħhom b'eċċellenza f`xi qasam li permezz tagħhom ikunu ta' eżempju għal ħaddieħor, jew għollew l-isem tal-lokalita`;

Billi tressqu diversi nominazzjonijiet li saru skont il-kriterji stabbiliti, illi baqgħu eliġibbli minn snin preċedenti u oħrajn li daħlu wara s-sejħa li għalqet fl-20 ta' Novembru 2024, liema nominazzjonijiet ġew evalwati mill-Bord ta' Rakkomandazzjoni, skond ir-rapport tal-istess Bord tal-25 ta' Novembru 2024, liema rapport ġie diskuss waqt is-seduta tal-Kunsill li saret fis-27 ta' Novembru 2024;

Billi l-kriterji dwar in-numru ta' onorefiċenzi jistabilixxu li l-unur tal-"Ġieħ" għandu jingħata lil mhux iktar minn persuna / organizzazzjoni waħda", filwaqt li l-unur tar-"Rikonoxximent" jista' jingħata lil mhux iktar minn tliet persuni u/jew organizzazzjonijiet;

Iżda billi l-kriterji jipprovdu wkoll li ex-Sindku u ex-Kunsillier li serva f'żewġ kunsilli huma eliġibbli għall-unur Ġieħ il-Mellieħa, kif ukoll li kunsillier li serva f'kunsill wieħed jikkwalifika għal "Rikonoxximent" l-ex-Sindku Dario Vella u l-ex-Kunsilliera Annabelle Brincat Stellini għandhom jingħataw il-"Ġieħ" filwaqt l-ex-Kunsillier Marvin Abela jingħata "Rikonoxxument".
Billi fis-seduta tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2015 il-Kunsill iddeċieda li għandu jingħata għarfien uffiċjali wieħed għal xi kontribut partikulari, permezz ta' l-unur "Apprezzament il-Mellieħa";
Il-Kunsill jirriżolvi li l-onorefiċenza "Ġieħ il-Mellieħa" għandha tingħata lil:

- Is-Sur Dario Vella – Ex-Sindku tat-Tmien Kunsill;
- Is-Sinjura Annabelle Brincat Stellini – Ex-Kunsilliera li serviet fis-Seba' u Tmien Kunsill;
- Art Club 2002 – Promozzjoni tal-arti u l-artiġġjanat;

filwaqt illi l-persuni li ġejjin għandhom jingħataw l-unur "Rikonoxximent il-Mellieħa":

- Is-Sur Marvin Abela – Ex-Kunsillier li serva fit-Tmein Kunsill;
- ħIs-Sur Charles Attard – Volontarjat f'diversi għaqdiet;

- Is-Sur John Debono – Volontarjat fi ħdan għaqda mużikali; u
- Is-Sur John Vella – Volontarjat fil-qasam parrokkjali;

Il-Kunsill jirriżolvi wkoll li għandu jingħata l-unur "Apprezzament il-Mellieħa":

- Is-Sinjura Carmen Chetcuti - Servizz volontarju fil-qasam parrokkjali fil-Manikata;

Il-Kunsill jirriżolvi li jirratifika l-qbil unanimu li kien hemm fis-Seduta tas-27 ta' Novembru 2024, li kienet segwita bil-preżentazzjoni tal-unuri, li saret waqt ċ-ċerimonja tal-Ġimgħa 6 ta' Diċembru 2024, fil-lukdanda Radisson SAS Golden Sands f'Għajn Tuffieħa.". (A/5/3/1/Vol XVII)

7.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-membri preżenti, wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Cauchi.

## 8.1. Jum il-Kunsill (A/5/3/1/Vol XXV)

8.2. Is-Sindku G. Micallef irringrazzja lill-membri tal-istaff għall-ħidma tagħhom sabiex setgħet tittella' serata sabiħa. Huwa feraħ u rringrazzja lill-Kunsillieri s-Sur Emvin Bartolo u s-Sur John Buttigieg għal ħamsa u għoxrin sena kontribut li huma taw fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa.

8.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ssuġġerixxa li wasal iż-żmien li jiġu riveduti l-kriterji u anke l-unuri. Dan peress li l-prezz tad-deheb qiegħed kulma jmur jogħla u l-ispiża biex jinħadmu l-insinji tad-deheb qegħda tkun għola kull sena.

8.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal jekk għandux jiġi kkunsidrat ukoll li l-format tas-serata jinbidel sabiex din l-attività ssir aktar tal-pubbliku u ssuġġerixxa li jew tibda tkun parti mill-Iljieli Melleħin jew issir fil-Bitħa tas-Santwarju u tkun miftuħa għal kulħadd. Is-Sindku wieġeb li din is-sena s-serata kienet miftuħa għal kulħadd. Fil-fatt saru avviżi fuq il-midja soċjali bil-għan li min xtaq jattendi, seta' jagħmel dan.

8.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li s-serata ta' Jum il-Kunsill kif qed issir issa jiġifieri ġo sala adegwata, eċċ, is-serata issa saret tkun isbaħ u ta' ċertu livell. Fis-sajf u fil-miftuħ taf tkun ħafna sħana.

8.6. Il-Kunsill E. Bartolo qal li ma jaqbilx li s-serata ta' Jum il-Kunsill għandha tkun parti minn attività oħra iżda għanda tibqa' awtentika u għandha tibqa' ċerimonja speċifika għal din l-okkażjoni.

8.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 9.1. Milied Mellieħi 2024 (A/5/3/6/Vol IX)

9.2. Is-Sindku G. Micallef irringrazzja lill-membri tal-Kunsill u tal-istaff għas-sehem tagħhom għax kienu erbat ijiem impenjattivi. L-għanijiet prinċipali tal-attività jidhru li ntlaħqu u dan anke mertu tas-set-up kif sar speċjalment tat-tinda prinċipali li taħtha saru l-attivitajiet ewlenin u tat-tined l-oħra li taħthom saru esebizzjonijiet u tpoġġew l-istalls. It-tinda prinċipali ġabret ħafna nies u l-konkorrenza kienet dejjem tajba.

9.3. Is-Sur G. Micallef ta rendikont tad-donazzjonijiet, rigali u ikel li nġabru matul Milied Mellieħi 2024. Huwa qal li l-Kunsill ippreżenta madwar erbgħin rigal bħala parti mill-kampanja Rigal t'Imħabba, inġabru ammont sabiħ ta' xirjiet li jammontaw għal madwar €1,500 li ser jiġu ppreżentati lid-Dar tal-Providenza – fost dawn kien hemm €600 f'vouchers ġentilment mogħtija mill-Onor. Ivan Castillo. Inġabru wkoll €3,550 mill-wirja ta' pitturi ta' tfal Ukreni li permezz tal-Onor. Robert Cutajar ser jintbagħtu l-Ukrajna. Din is-somma sabiħa kienet maqsuma minn €1,750 f'donazzjonijiet li nġabru fosthom €950 mogħtija minn individwu li offra wkoll li tinbiegħ pittura minn tiegħu personali u l-flus imorru għal dan il-għan, kif ukoll €200 għal kull pittura li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana aċċetta li jixtri u jippreżenta waħda lid-disa' Kunsilli Lokali li jiffurmaw parti mill-Kunsill Reġjonali Tramuntana. Huwa aċċenna wkoll għas-somma sabiħa ta' €2,540 li nġabret b'risq l-Istrina u li l-Kunsill kien mistieden jippreżenta waqt l-Istrina l-għada tal-Milied. Din is-somma inġabret primarjament waqt it-tombla li saret taħt it-tinda l-Ħadd u saret donazzjoni ta' €300 mill-Għaqda tal-Armar Maria Bambina u €100 mis-Società Filarmonica La Vittoria. Kien hemm qbil li bħala ġbir ta' donazzjonijiet u oġġetti kienu nkoraġġanti ħafna anke għall-fatt li fl-istess żmien anke fil-Parroċċa tal-Mellieħa kien qed isir ġbir simili.

9.4. Dwar il-programm t'attivitajiet, is-Sindku G. Micallef qal li bosta mill-artisti lokali li pparteċipaw ma talbux ħlas. Huwa semma l-Christmas Sweets Competition li fiha pparteċipaw erbatax-il parteċipant li ma kinux kollha mill-Mellieħa. Huwa xtaq jirringrazzja lit-tliet membri tal-ġurija li kienu s-Sur Andrew Farrugia, is-Sur Guido Debono u s-Sur Jesmond Borg għall-kontribut tagħhom. Is-Sur Andrew Farrugia saħansitra fassal il-kriterji għal kull kategorija.

9.5. Dwar il-container li nġieb wara deċiżjoni li ttieħdet malajr u bħala prekawzjoni minħabba r-riħ qawwi li ħakem il-gżejjer Maltin fi tmiem dik il-ġimgħa, il-kuntrattur mhu ser jitlob l-ebda ħlas. F'dan ir-rigward, is-Sindku qal li għal darb'oħra, jista' jkun aħjar jekk it-tinda tersaq għan-naħa l-oħra tal-pjazza fejn ma jaħkimx daqshekk ir-riħ.

9.6. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa xieraq li l-Kunsill jirrikonoxxi wkoll l-ħidma li saret mis-Sur Anthony Caruana speċjalment meta beda l-maltemp. Fil-fatt is-Sur Caruana min jeddu ħa ħsieb li jsegwi kif il-maltemp kien qed jaffettwa l-armar kollu. Sfortunatament, il-maltemp beda eżattament wara l-ewwel attività ta' Milied Mellieħi li saret fil-Manikata.

9.7. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li huwa xieraq ukoll li l-Kunsill jirringrazzja uffiċjalment lis-Sur Twanny Darmanin li kien il-persuna li qatta' ħinijiet twal mal-esebizzjoni tal-presepji. Għal sena oħra, hija ssuġġeriet li possibilment il-preparamenti u speċjalment il-kuntatti jibdew minn ħafna qabel sabiex ikun hemm aktar konkorrenza u konkorrenza minn persuni u organizazzjonijiet differenti. Madanakollu, mill-feedback jidher li t-tfal ħadu gost ħafna bl-attività organizzata speċifikament għalihom il-Ħadd u ntlaqgħet tajjeb ħafna wkoll it-tombla.

9.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li kemm-il darba jkun hemm is-sotto kumitati fi ħdan il-Kunsill, ix-xogħol ikun jista' jitqassam bejn is-sotto kumitati u l-istaff tal-Kunsill u ma jibqax ikkonċentrat biss fuq l-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsill E. Bartolo qal li appena jitfassal il-kalendarju kulturali tal-attivitajiet tal-Kunsill, jistgħu jinħatru s-sotto kumitati li jkunu jistgħu jibdew jiltaqgħu anke minn żmien qabel u jibdew jippreparaw għall-attivitajiet minn kmieni.

9.9. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss, huwa ser jippreżenta l-kalendarju kulurali anke sabiex l-għaqdiet lokali jkunu nfurmati minn qabel bl-attivitajiet tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li ser ikun qed jaħdem fuq google form li tintbagħat lill-għaqdiet u organizazzjonijiet oħra li ħadu sehem fl-edizzjoni ta' din is-sena ta' Milied Mellieħa bil-għan li l-Kunsill jirċievi feedback fuq x'seta' mar aħjar u xi suġġerimenti li wieħed ikun jixtieq jagħmel.

9.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 10.1. Estimi Finanzjarji 2025 – Proġetti Kapitali (F/1/36)

10.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-minuta 10.1 tal-minuti tas-seduta preċedenti u qal li mal-lista ta' proġetti kapitali elenkati mis-Segretarju Eżekuttiv, huwa talab li jiżdiedu:

**7200 Titjib**

7240 Urban Greening fi Triq il-Mejjiesa, Triq il-Knisja l-Qadima u Triq il-Marfa

7240 Introduzzjoni ta' *Digital Boards* u *U-Bends*

**7500 Proġetti Speċjali**

7501 Introduzzjoni ta' Cat Cafes

7502 Bini ta' Bankini Ġodda

7506 Xogħol ta' *Upgrading* fi Ġnien Salib tal-Pellegrini/Ġnien tas-Salib/Ġnien Ħidmet il-Volontarjat

7506 Afforestazzjoni f'Ġonna Pubbliċi

7509 Introduzzjoni ta' Dixxiplini Sportivi differenti fil-Park tal-Familja

7515 Rinovazzjoni tal-Irziezet ta' Selmun

7518 Tisbiħ tat-Turġien fit-Toroq Prinċipali

10.3. Is-Sindku G. Micallef kompla billi qal li mal-attivitajiet soċjali li l-Kunsill jorganizza matul is-sena jixtieq li jiżdiedu:

- Il-Festa Biedja/il-Festa tal-Qara'
- L-Inawgurazzjoni tas-Sala Joseph Borg
- Ċelebrazzjoni Ħamsin Sena Anniversarju tal-Parroċċa tal-Manikata
- Mixgħula fil-Ġimgħa Mqaddsa
- Arti fil-Misraħ/Arti fil-Ġonna
- Attività dwar is-Saħħa Mentali

10.4. Dwar il-laqgħa annwali li matulha l-Kunsill jippreżenta l-Estimi Annwali, is-Sindku ippropona li din il-laqgħa ssir nhar l-Erbgħa 22 ta' Jannar 2025 fis-6.00pm.

10.5. Is-Sindku G. Micallef ġibed l-attenzjoni għall-fatt li kull kunsillier jeħtieġ li jipprepara rapport dwar il-ħidma mwettqa sabiex dan jiġi reġistrat.

10.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**11.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Settembru 2024** **(F/1/1/Vol IV)**

11.2. L-accountant tal-Kunsill is-Sur Daniel Galea ingħaqad b'mod virtwali għal din il-parti tas-seduta u stqarr li d-dħul tal-Kunsill matul il-perjodu Jannar/Settembru 2024 kien jammonta għal €1,118,022 li jikkonsisti f'€1,047,400 bħala Allokazzjoni tal-Gvern Ċentrali, €64,203 bħala ħlasijiet relatati ma' permessi mill-Kunsill Lokali, u €6,419 kienu ġejjin mil-Infurzar tal-Liġi u dħul ieħor.

11.3. Il-valur tal-Assi Kurrenti naqas b'€179,081 meta mqabbel mas-sitt xhur ta' qabel u kien ta' €3,314,468. Dawn kienu jikkonsistu f'*Cash and Cash Equivalents* li jammontaw għal €3,271,613, Inventarji (*Stocks*) €10,873, u ammonti li kienu dovuti lill-Kunsill, illi ammontaw għal €31,982.

11.4. L-Obbligazzjonijiet Kurrenti Netti naqsu minn €1,541,680 għal €1,792,663. Dawn kienu magħmula kollha minn Ammonti Pagabbli.

11.5. In-nefqa għall-perjodu kopert bir-rapport kienet tammonta għal €1,170,845 u tikkonsisti minn €160,130 fuq Pagi, Onorarji u *Allowances*, €773,263 fuq Operazzjonijiet u Manutenzjoni, €47,370 fuq l-Amministrazzjoni, filwaqt li d-Deprezzament fuq assi permanenti ġie kkalkulat għal €190,082.

11.6. Kien spjegat li mill-bidu tas-sena rriżulta *deficit* ta' €52,823. Meta wieħed iqis dawn il-fatturi kollha, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja naqas bi 5% fuq it-trimestru preċedenti u kien 110%. Dan ifisser li l-Kunsill għandu l-qagħda finanzjarja tiegħu b'saħħitha ħafna.

11.7. Il-valur fiss tal-assi permanenti akkwistati minn Jannar permezz ta' fondi ordinarji tal-Kunsill, kif ukoll permezz ta' għotjiet, kien jammonta għal €190,082, filwaqt li ma kienx hemm disponimenti ta' ebda assi. L-ispiża tax-xiri tal-Assi Permanenti kollha akkwistati mill-Kunsill kienet ta' €10,768,265, li kellhom valur nett fuq il-kotba ta' €1,667,979, sa tmiem il-perjodu kopert bir-rapport.

11.8. Il-Kunsill approva l-kontenut tar-rapport u l-ispjegazzjoni li saru. Ġie maqbul ukoll li dan għandu jittellgħa fis-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/PublicationsList/Quarterly%20Financial%20Report_2_2021.pdf

**12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti**

12.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 22 ta' Novembru 2024.

12.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn is-26 ta' Ottubru u il-21 ta' Novembru 2024.

12.4. Ġiet imressqa skeda ta' Infieq permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn il-15 ta' Ottubru u s-6 ta' Novembru 2024.

12.5. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://melliehalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

**AĠĠORNAMENT**

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fis-7.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**